**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Jannar 2024**

**<u>Rik. Gur. Nru.79/2022 AGV</u>**

**CD**
Vs
**DD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' CD fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-hdax ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (11.01.1994) u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum maggorenni (kopja tac-certifikat mmarkat Dok. A).
2. Illi z-zwieg ta' bejniethom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minhabba vjolenza fizika u psikologika, eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra validi fil-ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibili u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-ligi, bi htija imputabbli unikament tal-konvenut.
3. Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli.
4. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digrieti moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 11 ta' Marzu, 2022 (Ara digriet hawn anness u mmarkat bhala Dok B).
5. Illi l-fatti hawn ddikjarati tafhom hi personalment.

Ighid ghalhekk l-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba vjolenza, eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.
2. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew minn pensjoni illi qed jircievi l-intimat u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti.
3. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici bolol dovuti ghal perjodu li hija ma kienetx qed tahdem sabiex tircievi pensjoni adegwata.

4. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti qabel il-pubblikazzjoni tal-waqfien tal-komunjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Daniel John Buttigieg, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lil-konvenut, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.
6. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attrici hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali u/jew parafernali taghha, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.
7. Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum, hin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.
8. Tawtorizzaha tghix fid-dar matrimonjali 10, Suzuki Triq il-Kullegg, Mosta, ad eskluzjoni tal-konvenut.
9. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt, minn issa ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Risposta guramentata tal-intimat DD;**

**Jeccepixxi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma** :

Illi din il-kawza setghet tigi evitata stante li r-rikorrenti qatt ma baghtet lill-esponenti ebda proposti ghal separazzjoni bonarja izda minn li jidher kellha min jimlilha rasha li ahjar tipprocedi bil-Qorti.

Illi jigi rilevat ukoll li waqt iz-zweig laqghat tal-medjazzjoni l-attrici qatt ma attendiet u dan juri bic-car kemm hija kienet intiza mal-ewwel biex tibda s-saga tal-Qrati.

Illi r-rikors urgenti li intavolat l-attrici fl-atti tal-medjazzjoni 1377/21 tal-1 ta' Dicembru 2021 u li inghata lilu mill-marixxall meta kien hemm is-seduta tal-medjazzjoni juri bic-car kemm l-attrici minhabba l-akkuzi invertiera li hemm allegati fih , qarqet bil-Qorti meta talbitha sabiex tinghalaq il-medjazzjoni u tohrog l-ordni ta' Protezzjoni. Vera li l-esponenti ma rrispondhiex ghal dan ir-rikors izda dan ghamlu ghax skond hu minn tah il-karti cioe' r-rikors tal-1 ta' Dicembru 2021 huwa lanqas biss kkonsulta ma' avukat. Kien ghalhekk li huwa ma dahhalx risposta u l-Qorti ordna l-gheluq tal-medjazzjoni u l-hrug ta' protection order favur il-mara.

Illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet waqfet permezz ta' kuntratt atti Nutar Dr. Daniel John Buttigieg fit-28 ta' Ottubru 2020 liema kuntratt sar meta l-esponenti sar jaf li martu l-attrici ghandha relazzjoni.

Illi t-talbiet attrici:

l-ewwel talba: illi huwa ma jopponiex ghall-ewwel talba izda l-htija hija kollha tal-attrici stante l-adulterju taghha, l-vjolenza, eccessi minacci sevizzi, theddid u offizi garvi kommessi mill-attrici fil-konfront ta' zewgha;

it-tieni talba: din t-talba ghandha tigi michuda kemm l-attrici tahdem full time kif ukoll ghaliex hija ddekadiet minhabba l-adulterju taghha u l-abbandun mid-dar matrimonjali fost ragunijiet ohra;

it-tielet talba: din t-talba ghandha tigi michuda stante li l-attrici ma kienetx tahdem ghax ma riedetx tahdem u ma kellha ebda impedimnet biex ma tohrog tahdem. Anzi l-esponenti kien dejjem jghidilha biex tohrog tahdem sabiex tghin fl-bzonnijiet tal-familja;

Ir-raba' Talba: tali talba ghandha tigi michuda fil-konfront tal-konvenut u dan stante li hija l-attrici stess li ddekadiet mill-jeddijiet konjugali kif mahsub fl-artikolu 46 et seq tal-kap 16 tal-Ligijiet ta Malta u tapplika kontra taghha interament jew in parte d-disposizzjoniijiet tal-artikolu 48, 51 sa 55 tal-kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

il-hames talba: huwa ma jopponiex ghal din it-talba ghalkemm kif il-qorti tkun tista' tikkonstata l-partijiet assi ghandhom biss garage u l-kont li kellhom il-partijiet ghalquh u mil-provi ghandu jirrizulta x'assi kellhom il-partijiet sad-data tat-28 ta' Dicembru 2020, meta l-partijiet ghamlu l-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni;

is-sitt talba: huwa ma jopponiex ghat-talba u l-istess ghandha taghmel l-attrici fil-konfront tal -intimat;

Is- seba' talba: huwa ma jopponix purche li l-fedina tal-mara wkoll ghandha tigi esebita.

It-tmien talba: huwa jopponiex ghat-talba stante li kienet martu li holqot messa in scena wara li l-esponenti sar jaf li martu ghandha relazzjoni ma' haddiehor u

sabiex tidher li hija l-vittma holqot storja ta' domestic violence. Hija llum ghandha relazzjoni ma' haddiehor certu CT.

Id-disa' talba: huwa ma jopponiex ghal din it-talba

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

**Bl-ispejjez kontra l-attrici ir-rikorrenti li minn issa hija ingunta in subizzjoni**

Il-Qorti ;

Rat il- Kontro-talba guramentat tal-konvenut DD

Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-11 ta' Jannar 1984 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal kollha maggorenni;

2. Illi z-zwieg ta bejnithom tfarrak u tkisser irremedjabilment minhabba adulterju, vjolenza psikologika u fizila , eccessi Minacci ,sevizzi theddid u offizi gravi fost affarijiet ohra validi fil-ligi li rendew l-hajja konjugali

impossibbli li jghatu lok ghas-separazzjoni personali skond l-ligi bi htija imputabbli unikament tal-konvenut;

3. Li ghalhekk l-hajja konjugali m'ghadiex aktar possibbli;

4. Li l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta digriet mghoti minn din al Onorabbli Qorti fil-11 ta' Marzu 2022.

5. Li d-dokumenti imsemmija jinsabu esebiti fir-rikors guramentat tal-attrici;

6. Li l-partijiet ghandhom is-separazzjoni tal-beni permezz ta' kuntratt tat-28 t'Ottubru 2020 atti Nutar John Bugeja;

7. Illi l-fatti hawn dikjarati jafhom huwa personaliment .

Tghid l-attrici rikonvenzjonata ghaliex m'ghandiex din l -Onorabbbli Qorti:

I. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar- ragunijiet imputabbli lill -attur u ghall-finijiet tal-Artiklou 48(1) tal-Kodici Civili tistabillixxi d-dat meta l-istess attrici ghandha tkun kunsidrata li minnha hija hatja tal-firda;

II. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonanti jghix separat mill-konvenuta zewgha;

III. Tikkundana lill-konvenuta sabiex thallas lil konvenut dik ir-retta alimentarja xieraq u adegwata li tigi ffistata mill-istess Qorti skond l-

mezzi tal-attrici l-bzonnijiet taghha pagabbli mill-attrici lill-istess konvenut fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti jew jekk jidher xieraq lill-istess Qorti tordna lil attrici sabiex thallas lil konvenut minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-konvenut ikun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-attrici;

IV. Tapplika kontra l-attrici interament jew in parte id-disposizzjonijiet l-beni kollha dotali u parafernali tieghu u separatament tordna li l-konvenut jigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;

V. Tikkundana lill-attrici jikkonsenja lil konvenut zewgha l-beni kollha dotali u parafernali tieghu u separat separatament tordna li l-konvenut jigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;

VI. Tawtorizza lill-konvenut jirrisjedi fid-dar matrimonjali li tinsab ,10, ‘Suzuki’, Triq il-Kullegg ,Mosta liema dar ilha mikrija lill-konvenut qabel ma l-partiijiet izzewgu u tawtorizza lill-istess konvenut jghix fl-istess fond ad eskluzjoni ta’ martu l-attrici taht dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 55 A tal- Kodici Civili;

VII. Tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularjri tal-konvenut rikovenzjonant tal-akkwisti tal-kontendenti liema ghandhom eventawlment jigu inkluz fid-divizjoni tal-assi u debiti komprizi fl-istess komunjoni;

VIII. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti esiztenti bejn l-kontendenti, qabel id-data tat-28 ta’ Ottubru 2020 meta sar il-kuntratt tax-xolijment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-assi u d-djun kompriziz fl-istess komunjoni u kull komunjoni iehor inkluz fost dak id-

dejn likwidat skond talba precedenti u xxolji wkoll kull kommunjoni ezistenti bejn il-partijiet komprizi il-kommunjoni immobbli li ghandhom il-partijiet apparteneti l-komunjoni tal-akkwisti b'mod li jigu applikati kontra l-attur rikonvenzjonat id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48(1) C tal-kodici Civili tillikwida dan il- gid u d-dejn komuni u filwaqt li takkumula ghal divizjoni wahda l-gid u dejn komuni tal-partijiet sew dak gej mill-komunjoni u kif ukoll dak gej minn komunjoni ohra f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabillit minn din l-Qorti in vista inter alia f'dak li jirrigwarda l-gid gej mill-komunjoni tal-akkwisti tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess attrici ghandha tkun kunsidrata li minnha kien hatja tal-firda liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u ohra lil konvenut rikonvenzjonanti;

IX. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonanti li jirregistra ossija tnizzel fir-registru Pubbliku is-sentenza eventawliment moghtija minn dina l-Qorti.

X. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja;

XI. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn il-partijiet fil-11 ta' Jannar 1994;

XII. Tordna lir-Registartur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registarti fir-registru Pubbliku.

Bl-ispejjez inkluzi dawn inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni , kontra l-attrici rikonvenzjonanta li hija minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir- Risposta Ġuramentata ta' CD ghall-kontro talba tal-konvenut, fejn eccepiet is-segwenti:-**

1. Preliminarjament, fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti tirrileva illi hija taqbel mal-konvenut rikonvenzjonanti għat-talba tas-separazzjoni personali iżda dawn mhux għar-raġunijiet premessi minnu stante illi l-ħtija għandha tiġi attribwita unikament lill-konvenut rikonvenzjonant, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Għalhekk, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti in kwantu jimputaw xi tort lill-eċċipjenti għall-ksur tal-ħajja miżżewġa huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, u a kuntrarju huwa l-konvenut rikonvenzjonanti li għandu jinstab ħati tal-firda tal-kontendenti minħabba li naqas milli jottempera ruħu mill-obbligi matrimonjali u ukoll hu ħati ta' vjolenza domestika, eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet oħra, li rrendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli u dan ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Taqbel mat-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonanti li l-partijiet ghandhom ighixu separatament minn xulxin.

3. Tiċħad it-tielet talba stante illi hija m'għandiex tigi ordnata tati manteniment ghal konvenut rikonvenzjonat stante li huwa unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, u dan kif ser jirrizulta mill-provi u ghaldaqstant iddekada mid-dritt ai termini tal-Kodiċi Ċivili.

4. Tikkontesta b'mod assolut ir-raba' talba stante illi l-esponenti bl-ebda mod m'għandha tbati xi nuqqas jew tiġi imposta xi sanzjonijiet minn sehemha debitament hekk dovut, u dan għaliex kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-konvenut rikonvenzjonanti huwa unikament ħati għat-tifrik taż-żwieġ

bejn il-kontendenti. Illi in oltre, a kuntrarju ta' dak allegat mill-konvenut rikonvenzjonanti u kif ser jiġi hekk ippruvat, huwa l-konvenut rikonvenzjonanti illi ddekada mid-drittijiet stipulati fil-Kodiċi Ċivili għar-raġunijiet imsemmija.

5. Tikkonesta l-hames talba stante li hija ma ghandha l-ebda beni parafernali tal-konvenut rikonvenzjonat.

6. Taqbel mas-sitt talba, izda l-esponenti ghandha tigi rifuza ghall-ispejjez li saru fl-imsemmi fond.

8. Tikkontesta mat-tmien talba stante li l-konvenut rikonvenzjonat m'ghandu l-ebda krediti parafernali.

9. Taqbel parzjalment mad-disa' talba tal-konvenut rikonvenzjonant, stante illi l-istess komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi xolta u likwidata iżda bla ebda mod l-esponenti m'għandha tbati xi nuqqasijiet jew tiġi imposta xi sanzjonijiet minn sehemha debitament hekk dovut fil-likwidazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti.

10. Taqbel mal-ghaxar u hdax il-talba.

11. Toggezzjoni ghat-tnax u tlettax it-talba stante li talba ghall-hall taz-zwieg ghandu jsir permezz ta' talba appozita.

12. Illi l-esponent topponi għall-ispejjeż kollha tal-kawża odjerna.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut rikonvenzjonanti, inkluż tal-Ittri ta' Medjazzjoni, li hu nġunt minn issa għas-subizzjoni.

**FATTI**

1. Il-partijiet kienu ltaqghu Paceville u wara ftit xhur li damu johorgu flimkien, l-attrici, li ghad kellha hmistax-il sena kienet harget tqila bit-tifel W, illum maggorenni.

   Xi sentejn wara ddecidew li jiżżewwġu u fil-fatt dan sehh fil-11 ta' Jannar, 1994. Krew post li ghadu sallum id-dar matrimonjali u miz-zwieg kellhom żewġt itfal ohra C u K A, ilkoll maggorenni.

Tispjega ukoll li l-bidu taz-zwieg taghhom ma kienx faċli peress li t-tnejn li huma kienu jghixu bir-relief u mbaghad kienet bdiet tahdem sporadikament. Il-konvenut kien ghamel żmien jahdem bil-mini bus jew taxi ta' missieru, iżda kien hemm perjodi ukoll fejn ma kienx jahdem.

L-attrici tghid li l-problemi minn dejjem kienu hemm peress li l-konvenut kien baqa' jghix hajja ta' single johrog u jidhol lura tard, anke sal-ghada filghodu, mentri hi kienet tibqa' d-dar tiehu hsieb it-tfal. Tishaq li l-affarijiet komplew jaggravaw meta kienet tqila bit-tifla. Dak iz-zmien kienet bdiet tissuspetta li ghandu wiċċ haddiehor u dan wara li sabet messaġġ fuq il-mobile minghand ċertu D Meta kkonfrontatu, innega li kien qieghed maghha, iżda li kien iltaqa' maghha f'bar. Kien hemm okkazzjoni ukoll fejn kellu inċident hdejn id-dar ta' din D .

Meta regghet ikkonfrontatu rega' nnega pero' kien qabad hwejgu u kien mar jorqod x'imkien iehor u wara ftit sieghat kien irritorna lura d-dar.

Minn dak iz-zmien, l-attrici tammetti li l-affarijiet marru ghall-aghar u beda jikkontrollalha hajjitha, fejn tmur, iwassalha x-xoghol u jiġborha u jikkontrolla kif ghandha tuża l-paga.

Fis-sena 2010, il-konvenut kien spiċċa wehel sena habs peress li kien instab fil-pussess ta' żewġ pjanti tal-kannabis. Minkejja li kien jaf li kien sejjer il-habs kien ha bar il-Mosta bl-isem "Libru Bar." Minhabba li kien qieghed il-habs, kienet spiċċat tiggestixxi dan il-bar u fl-istess hin tiehu hsieb il-familja.

Wara li hareg mill-habs, kien donnu hdar iżjed fil-konfront taghha u kien baqa' jinsisti li ghandha tinżel tghinu fil-hanut u spiċċat thalli lis-subien wahedhom, filwaqt lit-tifla kienet ghamlitilha sodda biex torqod fil-kcina peress li kienu jdumu hemm.

Xi sena u nofs wara kienu ddecidew li jaghlqu l-bar u regghet bdiet tahdem part-time, filwaqt li l-konvenut kien beda jirreġistra u baqa' johrog kif kien jaghmel u fl-istess waqt jipprova jikkontrollaha u beda jsir aggressiv fit-ton tieghu.

Wara li żżewweġ it-tifel C fl-2018, il-konvenut kien qalab ghall-aghar u kien sar dominanti u pussessiv fuqha. Beda jiffissa li ghandha wiċċ haddiehor u kienet anke pprintajt il-*call list* minghand il-Melita sabiex turih li ma kienet qed taghmel xejn hazin. Pero' kien iffissa u kienet bdiet tibza minnu minhabba t-theddid kontinwu li kienet tiġi assoggettata ghalih.

L-aggressjoni kienet saret iktar ta' sikwit u kien anke beda jixrob b'mod eċċessiv u fil-fatt kien hemm okkażjoni fejn kien jidher xurban u beda jinsisti mal-attrici li kellha tibda ssajjar. Kien gab mazza mill-garaxx u kisser il-mejda peress li l-attrici kienet qaltlu li ma kinitx ser issajjar jekk ma kienx ser jiekol.

Il-pulizija riduha tmur ġewwa xelter, iżda ma riditx minhabba t-tfal.

Meta l-konvenut baqa' jheddidha u kien sakkarha barra, kien anke waddbilha hwejjigha barra fit-triq, tant li uliedhom kellhom ighinuha peress li dak iz-zmien kienet go *wheelchair* peress li kienet inharqet. Kienet marret tghix ma' W , iżda l-konvenut ftit wara beda jheddidha biex titlaq peress li l-post kien t'ommu u spiċċat li marret tghix ma' C  u kienet ghamlet xi hmistax hemmhekk.

L-attrici ssostni li l-konvenut kien beda jokrobilha sabiex tmur lura u kien wieghdha li ser jinbidel. Kienet ċediet, iżda l-affarijiet ma tbiddlux u kien kontinwament iheddidha u jwaddbilha l-affarijiet.

Kienet waslet fl-estrem fejn ikkonfrontatu li kellhom bżonn jisseparaw, iżda minflok kien beda jghidilha li ma kellhiex fejn tmur.

Kien fit-28 ta' Jannar, 2021, fejn il-konvenut kecca lill-attrici mid-dar u binthom KA  kienet wissitha sabiex ma tmurx lura peress li kien aggressiv hafna u kien ghalhekk li kienet marret tghix ghand it-tifel W sa April, 2021 u wara xi żmien tikri, kienet marret toqghod fil-post t'ommha l-Armier. Sadanittant, il-konvenut kien anke keċċa lill-attrici.

It-theddid ma waqafx u f'Novembru, 2021 tant kienet qed tibza li kienet marret id-Domestic Violence Unit, precisament fil-15 ta' Novembru, 2021, fejn ghamlitlu rapport. Kif harget minn hemm kienet fi triqtha lejn id-dar ta' W  u hemm sabet lill-konvenut li beda jtiha bil-ponn fuq wiċċha u fuq rasha.[1]

[1] Dok. CD 2 u CD 3.

Sussegwentement kienet ghamlet diversi rikors il-Qorti u kienet anke hargitilha *protection order*.

Minkejja dan kollu, xorta l-konvenut ma waqafx jheddidha u kien anke jhedded lit-tfal li kien ser joqtolha u kien tella' diversi posts fuq Facebook bhal donnu qed iheddidha minn hemm ukoll.[2]

L-attrici tghid li kellhom is-separazzjoni tal-beni.

Dwar id-dar matrimonjali tikkonferma li kienu jikru l-fond 10, Suzuki, Triq il-Kullegg, Mosta. L-attrici ssostni li kienu armaw il-post u xtraw il-mobbli, fejn elenkat kċina, l-appliances, griglioso, salott, sufan u wall unit u tlett kmamar tas-sodda, bl-ghamara.

Tikkonferma li bejniethom m'hemmx kontijiet bankarji.

Hemm żewġ vetturi, Toyota RAV 4 u mutur.

Bhala proprjeta' li nxtara fiz-zwieg kien hemm garaxx li jġib l-indirizz 22, Triq il-Kullegg, Mosta.

2. Il-konvenut jikkonferma li r-relazzjoni bdiet meta kienu ghadhom zghar u kellhom it-tfal anke meta kienu ghadhom zghar, iżda b'xi mod jew iehor irnexxielhom irabbu lill-familja.
Kien hemm żmien, jispjega fejn l-attrici kienet bdiet tirrispondih b'certu attitudni u anke tahbi l-mowbajl meta tarah u kien donnu ma baqax importanti ghaliha.

[2] Dok. CD 2 – CD 5

Kien fil-fatt fethilha l-proceduri fis-sena 2018, u waqt il-medjazzjoni kienet ikkonvincietu sabiex iwaqqaf kollox. Kien hemm perjodi fejn kienu jidhru mixjin normali, iżda kien hemm perjodi fejn rega' beda jkollu s-suspetti tieghu minhabba l-atteggjament tal-attrici u kienet taqla' l-glied fuq kwistjonijiet tal-passat li kienu diġa' ssorvolaw.

Wara li kien rritorna mill-Gappun ghall-habta ta' Mejju, 2019, kellu xi jghid mal-attrici u kienet qaltlu li ma kienx thoss iktar ghalih. Meta kienet siefret lejn l-Inghilterra ghand xi familjari taghha, kien sabilha l-mobile antik taghha u mill-Melita usage sab li kienet iċċempel lill-imghallem taghha ta' spiss u dan anke meta kienu bix-*shutdown.* Meta kkonfrontaha nnegat li ghamlet dawn it-telefonati u kull meta kienet isemmielhu kienet tirrapportah mal-pulizija li huwa bniedem vjolenti.

Jallega ukoll li waqt li kien il-Gappun, l-attrici kienet hadet il-*leave* fuq jumejn u kienet harget mal-imghallem taghha ghaliex xi nies kienu qalulu li kienu rawha San Giljan u dan meta suppost kienet qeghdha hens party ta' certu L C.

Jinnega li kien hareg tlett skieken fuq l-attrici, minkejja li kien spiċċa wehel sentenza sospiża ghal reat li ma wettaqx.

Il-konvenut jikkonferma li kellhom separazzjoni tal-beni u kienu qasmu l-affarijiet.

Jikkonferma ukoll li kien hemm darbtejn fejn il-konvenut kien talabha titlaq mid-dar ghal kollox u l-attrici akkuzatu b'vjolenza domestika, minkejja li jichad dan kollu.

Kien henn ghaliha d-darbtejn li telqet, iżda kien induna li kienet baqghet in kuntatt mal-imghallem taghha u kien ghalhekk li l-ahhar darba li telqet ma ridix lura.

Ighid ukoll li fil-15 ta' Novembru, 2021, gie msejjah id-Depot minhabba vjolenza domestika u nfurmawh li kienet harget garanziia personali sabiex ma jersaqx lejha. Waqt li kien hemm u kien qed jistenna l-Ispettur kienet waslet telefonata fejn akkuzawh li kien iltaqa' mal-attrici u taha xebgha u fil-hin li l-attrici allegat li dan sehh, kellu l-provi peress li kien qieghed id-Depot.

3. **Louis Buhagiar** ipprezenta l-employment history, kif ukoll ir-registration history tal-konvenut.[3]

4. **Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta informazzjoni dwar il-beneficcji li kien jircievi l-konvenut.[4] Ipprezenta l-beneficcji li rveviet l-attrici,[5] kif ukoll dak li rcieva l-konvenut.[6] Ikkonferma ukoll li l-konvenut kien jircievi xi beneficcji tad-disability.[7]

5. **Franco Camilleri** in rapprezentanza ta' Accomodell sofà pprezenta invoice.

---

[3] Dok. LB 1 u LB 2
[4] Dok. SC1
[5] Dok. SS1
[6] Dok. SS 2
[7] Dok.SS 3

6. **Dr. Christopher Spiteri**, in rapprezentanza ta' Transport Malta pprezenta lista tal-vetturi li prezentement jinstabu rregistrati fuq isem il-konvenut, kif ukoll dawk il-vetturi li gew scrapped.[8]

   Ipprezenta ukoll lista tal-vetturi li kienu rregistrati fuq ismu fil-passat u li uhud minnhom gew *scrapped,* imma mhux necessarjament minnu.[9]

7. **PC 330 Rodney Azzopardi**, ipprezenta tlett rapporti li kienet dahlet l-attrici fil-konfront tal-konvenut minhabba incidenti ta' vjolenza domestika. Ipprezenta ukoll il-fedina penali tal-konvenut u *risk assessment* li sar fuq l-attrici in segwitu ghall-rapport li ghamlet fit-Taqsima Domestika.[10]

   Jikkonferma li dwar tnejn mir-rapporti kien hemm proceduri ghaddejjin il-Qorti u kienu nhargu c-charges fil-konfront ta' tnejn biss.

8. **PC 2407 Manwela Buttigieg** ipprezentat hames rapporti li ghamlet l-attrici fil-konfront tal-konvenut.[11] Kien hemm rapport iehor li ghamel il-konvenut fil-konfront tal-attrici,[12] kif ukoll fedina penali tal-konvenut.

9. **Sonia Schembri,** social worker fil-Violence Unit tal-Appogg, tghid li bdiet isegwi l-kaz mis-sena 2022, pero' l-fajl kien ilu miftuh mis-sena 2019, fejn kien sar *risk assessment* fis-6 ta' Settembru, 2019 wara li kien sar it-theddid da parti tal-konvenut u kien inholoq argument u beda jkisser il-mejda.

[8] Dok. CS 1
[9] Dok. CS 2

[10] Dok. RA 1
[11] Dok. MB 1
[12] Dok.MB 2

Kien sar *referral* fil-25 ta' Frar, 2020 tramite l-179 minghand l-attrici fejn allegat li l-konvenut kien heddidha. Fit-28 ta' Frar, 2020, sar it-*tieni risk assessment w*ara li l-attrici allegat li l-konvenut kien tefa' bicca injam fuq is-sufan u anke telefon fid-direzzjoni taghha. Dakinhar l-attrici telqet mid-dar u l-konvenut ma ridix lura, tant li kellha tmur toqghod ma' wiehed mit-tfal taghha.

Kien hemm diversi rapporti ohra mill-attrici lil DVU precisament fl-1 ta' Lulju, 2020, f'Jannar, 2021, fit-8 ta' Marzu, 2021 u fis-27 ta' April, 2021. Fil-15 ta' Novembru, 2021, kien sar risk assessment iehor wara rapport ta' theddid minghand l-attrici.
Kienu saru ukoll diversi rapporti ta' harassement fuq l-attrici da parti tal-konvenut u dawn kienu fis-27 ta' Dicembru, 2021, l-14 ta' Frar, 2022, fit-18 ta' Ottubru, 2022 u fid-29 ta' Novembru, 2022 u fid-19 ta' Jannar, 2023 kienet infurmat lis-social worker li l-konvenut kien beda jheddidha tramite terzi persuni.
Ikkonfermat li r-risk assessments saru da parti tal-pulizija.

10. **Carmel Pisani**, in rapprezentanza ta' Keramit Bathroom Centre li pprezenta erba' invoices f'isem il-partijiet.[13]

11. **James Hili**, in rapprezentanza ta' Idea Casa pprezenta d-dokument rigward akkwist ta' xkaffa.[14]

**<u>Responsabbilita'</u>**

[13] Dok. CP 1
[14] Dok. JH 1

L-attrici qed titlob separazzjoni minhabba li tattribwixxi l-htija lill-konvenut minhabba  vjolenza, eccessi, minacci, servizzi, theddid u ingurji gravi u l-istess l-konvenut, fil-kontro-talba tieghu, jattribwixxi lill-attrici l-htija tas-separazzjoni minhabba l-istess estremi, kif ukoll l-adulterju.

Il-konvenut ipprezenta l-affidavit tieghu u ma pprezentax izjed provi. Fl-istess affidavit jibbaza hafna mill-htija fuq l-attrici minhabba li jallega li kienet f'relazzjoni mal-imghallem taghha ta' dak iz-zmien. Jsemmi li kien iccekkja l-*call list* tal-attrici u li kien hemm telefonati li kienu jsiru lil l-istess imghallem u wara li nduna li l-attrici ma kinitx ser tieqaf tikkomunika mieghu ddecieda li kellha titlaq mid-dar.

Il-konvenut ma pprezenta ebda dokumenti jew *call list* u lanqas ressaq l-imghallem tal-attrici sabiex jipprova li kien hemm adulterju.

Ma ressaq l-ebda provi ohra sabiex jikkorroborra l-verzjoni tieghu u ghaldaqstant ma jistax jinghad li l-adulterju gie ppruvat.

**<u>Dwar sevizzi, eccessi, minacci, theddid, ingurji gravi, inkompatibbilita' ta' karattru:</u>**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-

sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi

> ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

> ***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

*Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."*

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017:

> ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***
>
> ***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***
>
> ***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex***

***azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar eccessi, minacci, sevizzi, theddid u ingurji gravi, il-konvenut ma pproduca l-ebda provi sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li l-attrici rrendiet ruhha hatja tas-separazzjoni.

Dwar ir-responsabbilita' tal-konvenut, l-attrici spjegat li prattikament mal-bidu taz-zwieg kien hemm problemi ghaliex il-konvenut kien baqa' jghix hajja ta' guvni, minkejja li kienu mizzewggin u kien anke ghazzien ghaliex

kien jahdem sporadikament u sadanittant kienu jghixu fuq il-beneficcji socjali.

Kien meta l-attrici akkuzatu li kellu wicc haddiehor ma' certu Davina, il-konvenut donnu beda jivvendika ruhu u sar iktar possessiv u dominanti fuq l-attrici, jikkmandaha f'kollox, iwassalha x-xoghol u jerga' jigborha.

Kien egoist hafna u anke jekk kien konsapevoli li kien sejjer il-habs minhabba pussess ta' droga kannabis, kien kera bar u ried lill-attrici tmexxih wahedha meta kellhom it-tfal u l-istess kien jippretendi meta hareg mill-habs.

Kien f'dan iz-zmien li l-attrici ssostni li l-konvenut beda jossessjona ruhu li kellha relazzjoni ma' haddiehor u dan tinnegah ghal kollox.

Minn hawn l-attrici bdiet tibza minhabba li l-konvenut kien beda jixrob u gieli kien jidhol id-dar xurban. Issemmi diversi incidenti li sehhew fejn waqt argument, il-konvenut gab mazza u kisser mejda.

Kien anke kecciha barra mid-dar, tant li kellha tmur tghix ma' uliedha. Il-Pulizija pprezentaw id-diversi rapport in sostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet. Inoltre, Sonia Schembri, in rapprezentanza tal-Appogg ikkonfermat li kienu saru diversi rapporti mill-attrici fuq vjolenza domestika, tant li kienu saru *risk assessments* mill-pulizija.

Huwa kkonfermat ukoll li kien hemm kaz fejn il-konvenut instab hati, izda jinsisti li kien innocenti. Minkejja li kienet inharget ordni ta' protezzjoni minghand il-Qorti, il-konvenut ma bezax ikompli jippersegwita lill-attrici

u anke jheddidha tramite mezzi socjali, kif jirrizulta mid-diversi ritratti li esebiet l-attrici.

In konkluzjoni, dina l-Qorti tqis li l-attrici rnexxielha tipprova li l-konvenut irrenda ruhu hati tas-separazzjoni minhabba vjolenza, sevizzi u eccessi, kif ukoll minhabba ngurji gravi.

## Manteniment

Fil-kawza li fethet l-attrici qed titlob manteniment minghand il-konvenut, izda kkonfermat hi stess li tahdem u fil-fatt lanqas fl-affidavit ma tat indikazzjoni li hemm xi pretensjoni f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni iktar ta' dina t-talba.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut huwa dizokkupat u jghix mill-beneficcji socjali u jirrizulta ukoll li kien qed ibati minn dizabilita' f'saqajh li kien jimpedih milli jahdem.

Madanakollu, tenut kont li huwa hati tas-separazzjoni ma jistax jippretendi li jkun hemm hlas ta' manteniment da parti tal-attrici u ghaldaqstant, it-talba tieghu ghall-manteniment ghandha tigi respinta.

## Komunjoni tal-Akkwisti

Ghandu jigi rrilevat li l-partijiet kienu ffirmaw separazzjoni tal-beni fl-atti tan-Nutar Dr. Daniel John Buttigieg u ghaldaqstant, dawk l-assi li

ghandhom jigu likwidati u assenjati huma dawk li kien hemm ezistenti qabel is-separazzjoni tal-beni.

**Dar Matrimonjali**

Id-dar matrimonjali 10, Suzuki, Triq il-Kullegg, Mosta kienet mikrija ghand il-partijiet.

Tenut kont tal-fatt li l-konvenut qed jinzamm responsabbli ghal dina s-separazzjoni l-attrici ghandha jkollha d-dritt li tibqa' tghix hemmhekk u tassumi l-kirja tal-istess fond. Fil-fond hemm ukoll diversi mobbli li nxtraw fiz-zwieg u dawn huma kċina, l-appliances, griglioso, salott, sufan u wall unit u tlett kmamar tas-sodda, bl-ghamara u dawn ghandhom jiġu assenjati lill-attrici.

L-attrici pproduciet diversi xhieda minn Idea Casa, Keramit Bathrooms u Accomodel Sofa, iżda ma jirriżultax x'riedet tipprova bihom l-attrici u inoltre dawn huma invoices li nhargu fl-2021 u cioe' wara li sehhet is-separazzjoni tal-beni u ghalhekk il-Qorti mhix ser tehodhom in konsiderazzjoni.

Ma jirriżultax li hemm kontijiet bankarji.

Jirrizulta li hemm żewġ vetturi, Toyota RAV 4 bin-numru ta' reġistrazzjoni TFI 775 u mutur b'numru ta' reġistrazzjoni FBJ 192, li preżentement jinstabu ghand il-konvenut. Ma jirriżultax li l-attrici qed taghmel xi insistenza partikolari sabiex tiehu dawn il-vetturi. Ghaldaqstant, dawn il-vetturi ghandhom jiġu assenjati lill-konvenut, b'dan illi L-Qorti qed

taghmel stima taghhom *arbitrio boni viri* ta' sitt elef Ewro (€6,000), u ghalhekk nofs l-ammont ghandu jiġi rifuz lill-attrici mill-konvenut.

Bhala proprjeta' li nxtrat fiz-zwieg kien hemm garaxx li jġib l-indirizz 22, Triq il-Kullegg, Mosta. L-attrici kienet ippresentat rapport ta' perit ex parte, minn fejn jirrizulta li l-valur tal-istess garaxx jammonta ghal €150, 000.[15]

Dan il-garaxx ghandu jitpogga ghall-bejgh fuq is-suq, skond il-valur indikat, u r-rikavat ghandu jinqasam bejn il-partijiet, sakemm l-konvenut ma jridx jixtri sehem l-attrici hu stess, fil-kaz ghandu jhallasha sehemha.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' vjolenza, eccessi, sevizzi, theddid u offizi gravi fil-konfront tal-attrici u tawtorizza lill-istess attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tichad it-tieni talba attrici.

3. Tichad it-tielet talba attrici, stante li ma kienx hemm ordni ghall-hlas ta manteniment fil-konfront tal-attrici.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici.

[15] Ara rapport a fol. 292 tal-process.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti fis-segwenti mod:-

   (i) Il-kirja tad-dar matrimonjali 10, Suzuki, Triq il-Kullegg, Mosta ghandha tigi assenjata lill-attrici, li ser tkun responsabbli ghall-hlas tal-istess mid-data tas-sentenza, flimkien mal-mobbli li jinsabu fl-istess dar.

   ii) Iz-żewġ vetturi, Toyota RAV 4 bin-numru ta' reġistrazzjoni TFI 775 u mutur b'numru ta' reġistrazzjoni FBJ 192, li preżentement jinstabu ghand il-konvenut ghandhom jiġu assenjati lilu, b'dan illi l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' tlitt elef Ewro (€3,000) bhala nofs il-valur taghhom, li ghalhekk ghandu jiġi rifuz lill-attrici mill-konvenut.

   iii) il-garaxx li jġib l-indirizz 22, Triq il-Kullegg, Mosta ghandu jitpogga ghall-bejgh fuq is-suq, skond il-valur indikat mill-Perit Roderick Camilleri, u r-rikavat ghandu jinqasam bejn il-partijiet, sakemm l-konvenut ma jridx jixtri sehem l-attrici hu stess, fil-kaz ghandu jhallasha sehemha.

6. Tilqa' s-sitt talba attrici u tordna lill-konvenut jirritorna l-beni mobbli u/jew immobbli u/jew parafernali tal-attrici u dan fiz-zmien xahar mid-data tas-sentenza.
7. Tilqa' s-seba' talba attrici u tinnomina lin-Nutar Elena Farrugia ghall-eventwali pubblikazzjoni tad-divizjoni hawn imsemmija, u lill-kuraturi tat-turn ghall-eventwali kontumacja tal-konvenut.
8. Tilqa' t-tmien talba attrici u tordna lill-attrici tibqa' tghix fid-dar matrimonjali 10, Suzuki, Triq il-Kullegg, Mosta ad eskluzjoni tal-

konvenut, b'dana li ghandha zzomm il-mobbli li jinstabu fl-istess fond, filwaqt li l-istess kirja ghandha tigi assenjata lilha u thallas l-istess kirja.

9. Tilqa' d-disa' talba attici u tordna lill-esponenti tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta, l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

**Kontro-Talba**

1. Tichad l-ewwel kontro-talba.
2. Tilqa' t-tieni kontro-talba u tawtorizza lill-konvenut ighix separatament mill-konvenuta zewgha.
3. Tichad it-tielet kontro-talba.
4. Tichad ir-raba' kontro-talba.
5. Tilqa' l-hames kontro-talba u tordna lill-attrici tikkonsenja lil zewgha l-beni kollha dotali u parafernali tieghu u separatament tordna li l-konvenut jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.
6. Tichad is-sitt kontro-talba.
7. Tichad is-seba' kontro-talba, stante l-htija tal-konvenut.
8. Tilqa' t-tmien kontro-talba kif deciz fit-talba ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tal-attrici.
9. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-kontro-talba stante li dina l-Qorti diga' ppronunzjat ruhha fuq l-istess.
10. Tilqa' l-ghaxar kontro-talba u tinnomina lin-Nutar Elena Farrugia sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi tat-turn sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja.
11. Tilqa' l-hdax-il kontro-talba, u ghalhekk tippronunzja l-hall taz-zwieg.
12. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien ghaxart ijiem (10) mis-sentenza, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet.

L-ispejjez ghandhom jigu lkoll sopportati mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella**

**Registratur**